MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 2531/2002

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom ta' l-Enemalta**

**vs**

**Agostino Farrugia**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu il-Korporazzjoni attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tmien mija u sebgha u disghajn lira Maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm897.52) ghall-konsum ta' l-ilma, kera ta' meter ta' l-ilma, konsum ta' l-elettriku u kera ta' meter ta' l-elettriku ghall-perjodu bejn it-8 ta' Lulju 1993 sat-18 ta' Settembru 1998 skond il-kontijiet numri 030170601 u 030170600.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deher ghas-seduti.

Semgha x-xhieda u ra d-dokumenti pprezentati.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ tmien mija u sebgha u disghajn lira Maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm897.52), bl-imghax mid-data tan-notifika ta’ l-ittra ufficjali pprezentata fit-3 ta’ Gunju 1999.

L-ispejjez kollha huma ghak-karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------